**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Lewis Cordina**

Kaz Numru: 191/2014

Illum 13 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat L**ewis Cordina**, ta' sebgha u tletin (37) sena, iben John u Maria Dolores nee' Micallef, imwieled l-Awstralja, nhar is-17 ta' Gunju 1976, residenti fil-fond 'Achillea', Triq il-Ponta, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 135694(G):

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Marzu 2014 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija (22:30) gewwa Triq Guze D'Amato, fix-Xewkija u fi Triq l-Imgarr, Xewkija, Ghawdex:

1. Saq vettura bil-mutur tal-ghamla KIA bin-numru tar-registrazzjoni BBQ237 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u/jew b'mod perikoluz;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna hsara fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni MRG608 ghad-detriment ta' Maria Gatt (ID No. 264085M) u Ruben Gatt (ID No. 396982M);

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Maria Gatt (ID No. 264085M) u Ruben Gatt (ID No. 396982M) hekk kif iccertifikat minn Dr. T. G. Farrugia MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kien isuq vettura bil-mutur tal-ghamla KIA bin-numru tar-registrazzjoni BBQ237 naqas li jieqaf wara li kien involut f'incident li kien jinvolvi offiza fuq persuni ohra u kif ukoll giet ikkagunata hsara fuq vettura ohra;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku ghamel reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;

F'kaz ta' htija din l-Onorabbli Qorti qieghda tigi mitluba b'zieda tal-piena tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidhrilha li huwa xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali da parte ta' Dr. Renata Formosa.

**Ikkunsidrat:**

Il-fatti tal-kaz huma marbuta ma' incident tat-traffiku li sehh fit-30 ta' Marzu 2014 fl-10.30 ta' filghaxija fix-Xewkija waqt li l-imputat kien qieghed isuq il-vettura tieghu u habat ma' vettura ohra fejn ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq zewq persuni u anke kkaguna hsara fuq il-vettura. L-imputat li huwa pulizija telaq minn fuq il-post u kien sieghat wara li mar ghamel ir-rapport u wara li ghamlu kuntatt mieghu il-pulizija kollegi tieghu.

L-imputat qieghed jichad li saq bla kont, b'mod traskurat jew perikoluz, jghid li minhabba l-kundizzjoni medika li kellu haseb li kien se jerga'

jaghtih attakk tal-qalb u kien ghalhekk li telaq minn fuq il-post u spicca marret ghajnu bih.

Il-Qorti ghandha d-dubbji taghha dwar dak li qieghed isostni l-imputat.

**Konsiderazzjonijiet Legali:**

Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-ewwel (1) imputazzjoni li l-Qorti rat li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta (6) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti enuncjat t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

*"**Sewqan traskurat (negligent driving)** hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il- kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont (reckless driving)** hu deskritt fis-Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l- probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz (dangerous driving)*** *jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dan il-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi ndizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi.

U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. Sintendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Illi f'dan il-każ il-Qorti tqis li l-każ ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-prosekuzzjoni li l-imputat saq b'mod traskurat. Il-Qorti hasbet hafna fuq ix-xhiedaa li ta t-tabib Teddy George Farrugia

dwar il-kundizzjoni medika li jbati biha l-imputat fejn semma' li ghandu problem marbuta mal-qalb tant li kien operat ghal dan u li ghandu l-kundizzjoni tad-*diabete*.

Il-fatt li jbati bid-*diabete* m'huwiex skuzant biex jinheles mill-htija dwar sewqan trakurat. Anzi l-fatt li ghandu l-kundizzjoni tad-*diabete* jaf kif jista' jghix hajja normali billi jiehu l-medikazzjoni u jara li matul il-gurnata jiehu ftit ikel u frott matul il-gurnata flimkien mal-medicina preskritta lilu.

Id-*Diabetes Today*, l-organizzazzjoni mhux governattiva tar-Renju Unit tghid li:

*"Having diabetes does not mean that you need to give up driving, but it does mean that you need to plan in advance before you get behind the wheel."*

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni ta' dawk li ghandhom il-kundizzjoni tad-*diabete* u jenhtiegu li jsuqu ghas-safe driving tips li jirrakomandaw id-*Diabetes Today* bhala prekawzjoni:

- *Avoid delaying or missing meals and snacks*
- *Take breaks on long journeys*
- *Always keep hypo treatments to hand in the car*
- *Do not drink alcohol and drive.*

*Many of the accidents caused by hypoglycaemia are because drivers have continued to drive, ignoring their hypo warning signs (eg hunger, sweating, feeling faint). If you have a hypo whilst driving:*

- *Stop the vehicle as soon as possible*
- *Switch off the engine, remove the keys from the ignition and move from the driver's seat*
- *Take some fast-acting carbohydrate, such as glucose tablets or sweets, and some form of longer-acting carbohydrate.*
- *Do not start driving until 45 minutes after blood glucose has returned normal.*

*If you have poor warning signs, or have frequent hypos, you should probably not be driving because of the risk to yourself and others. Discuss this with your diabetes healthcare team.*

Illi ghalhekk il-Qorti tqis li l-imputat ma hax il-prekawzjonijiet kollha minhabba l-kundizzjoni li ghandu, mhux biss bi hsara ghalih imma kkaguna periklu u danni lil haddiehor.

Il-Qorti se ssib htija dwar din l-imputazzjoni, imma biss dwar sewqan traskurat.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandu jigi kunsidrat l-insenjament fid-decizjoni moghtija fl-10 ta' Marzu 2005 fil-kawza fl-ismijiet Il- **Pulizija vs. Alfonso Abela** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Illi ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti fl-ewwel lok ma tarax li [s-]sentenza ta' prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta' tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita' ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga' jaqa' u jikkommetti xi tip ta' delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux*

*biex ma jergax jahbat b'karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga' jirripeti.*

*Inoltre il-Qorti thoss li l-piena karcerarja hija indubbjament wahda sproporzjonata meta si tratta ta' incident stradali nvolontarju fejn ma jirrikorrux l-estremi tas-sewqan bla kont jew dawk tas-sewqan perikoluz. Din il-Qorti thoss li f'kaz ta' sewqan traskurat jew f'kaz ta' ksur tar-regolamenti tat-traffiku piena pekunjarja hija ferm aktar addattata w xierqa".*

Illi, tenut kont ta' dan u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-imputata ghall-hlas ta' multa.

Il-kwerelanti quddiem din il-Qorti rrinuzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat bil-konsegwenza li din ggib l-ezawriment tal-procedura fejn jidhlu t-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet.

Dwar il-hames (5) imputazzjoni il-Qorti tirrileva li hu l-kompitu taghha li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija ta` l-imputata skond il-ligi fejn tidhol din l-imputazzjoni u dan anke wara li l-Qorti semghet ix-xhieda li nghatat mill-imputat u anke dik tat-tabib Teddy George Farrugia. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skond il-ligi.

Il-Qorti qeghda ssib lill-imputat hati tar-raba' (4) imputazzjoni ghax il-provi kollha jindikaw li l-imputat telaq minn fuq il-post tal-incident.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 67 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara li l-imputat mhux hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet minhabba rinunzja mill-*parte civile*, ma ssibux hati tal-hames (5) imputazzjoni minhabba nuqqas ta' provi izda ssibu ħati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni miġjuba kontrieh.

Rigward l-ewwel (1) imputazzjoni l-imputat qieghed ikun ikkundannat multa ta' mitejn u hamsin Euro (€250) u skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal tmint (8) ijiem li jibdew jiddekorru minn nofsillejl u minuta ta' ghada (00:01a.m.).

U wara li rat ukoll li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, illi dwar ir-raba'(4) imputazzjoni, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Qorti qiegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perjodu ta' sena mid-data tal-llum.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lil Lewis Cordina bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni għall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jagħmel reat ieħor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħati jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

__________________________

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**